Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (VO 0629)
Website: mass.org.mt e-mail: info@mass.org.mt

# STATUT - FRAR 2025

**Art. 1 ISEM.**

L-isem tal-Assoċjazzjoni huwa **'Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors'** u fil-qosor **'MASS'**, jew bil-Malti **'Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Minoritarji u Investituri bl-Imnut'**

F'dan id-Dokument:
**'L-Assoċjazzjoni'** jew **'MASS'**, tfisser il-'Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors'.
**'il-Kumitat'** ifisser 'il-Kumitat Eżekuttiv' tal-Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors.

**Art. 2 INDIRIZZ POSTALI.** C/O Malta Stock Exchange Plc., Garrison Chapel,
Castille Place, Valletta VLT 1063

**Art. 3 GĦANIJIET U ĦIDMA TALL-MASS.**

1. Tfittex li jiġu mħarsa l-interessi tal-azzjonisti minoritarji f'kumpaniji li huma ikkwotati fil-Borża ta' Malta u kif ukoll ta' investituri oħrajn fi Strumenti Finanzjarji (investimenti) oħra li hemm illum u ta' dawk futuri.
2. Tkun il-vuċi tal-azzjonisti minoritarji li jixtiequ jkollhom rappreżentanza xierqa fit-tmexxija ta' dawn il-kumpaniji u kif ukoll ta' investituri fi Strumenti Finanzjarji oħra li hemm illum u ta' dawk futuri.
3. L-investituri jkollhom tagħrif siewi dwar investimenti biex ikunu jistgħu jagħżlu bil-għaqal kif iħaddmu flushom bl-anqas riskju.
4. Tieħu inizjattivi u torganizza fora u laqgħat, u tuża mezzi oħra biex jikber dan it-tagħrif u edukazzjoni tal-investitur.
5. L-Assoċjazzjoni tkun awtonoma u volontarja.
6. Sakemm l-awtonomija tal-Assoċjazzjoni ma tkunx affettwata ħażin l-Assoċjazzjoni tista' tikkollabora ma' entitajiet oħra nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali biex tkabbar u tifrex l-għanijiet tagħha.
7. L-Assoċjazzjoni ma jkolliex konnessjonijiet ma' Partiti Politiċi.

**Art. 4 STRUTTURA U MEMBRI.**

1. L-Assoċjazzjoni għanda titmexxa minn Kumitat magħmul hekk:
a. President
b. Viċi President
c. Segretarju u Segretarju Internazzjonali
d. Teżorier
e. Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi.
f. u mhux aktar minn sitt (6) membri oħra.
2. Kull deċiżjoni li mhix riżervata biss għall-Laqgħa Ġenerali, tkun f'idejn il-Kumitat.

3. Wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali u fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat, il-ħdax (11) membri eletti fl-LĠA, permezz ta' turija bl-idejn jew b'vot sigriet, jaħtru l-President, Vici-President, Segretarju, Tezorier u Uffiċjal Relazzjonjiet Pubbliċi.
4. Fl-istess laqgħa jistgħu jinħatru Assistenti għall-kariga ta' Segretarju, Tezorier u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubblici minn fost is-sitt (6) membri l-oħra tal-Kumitat.
5. Il-Kumitat ikollu massimu ta' ħdax (11) membri li jkunu eletti għal sena fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
6. Biex membru tal-Assoċjazzjoni jersaq għall-elezzjoni tal-Kumitat irid ikollu it-tessera mħallsa għal mhux anqas minn sitt (6) xhur qabel.
7. Biex jittieħed vot waqt Laqgħa tal-Kumitat irid ikun hemm mill-anqas Kworum ta' sitt (6) membri preżenti biex jivvutaw.
8. Jekk għal xi raġuni jkun hemm post vakanti fil-Kumitat, jista' jinħatar membru ieħor tal-Assoċjazzjoni bħala kooptid b'votazzjoni waqt Laqgħa tal-Kumitat biex jimla' l-post vojt. Min ikun kooptid iżomm il-kariga sakemm issir Laqgħa Ġenerali Annwali meta jista' jikkontesta l-elezzjoni.
9. Nominazzzjonijiet għall-Kumitat jiġu mressqa is-Segretarju tal-Kumitat fuq formoli għal dan il-għan sa mhux anqas minn ħamest ijiem (5) qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

### Art. 5 AWTORITÀ TAL-KUMITAT.

1. It-tmexxija tal-Assoċjazzjoni tkun f'idejn il-Kumitat li jħallas għar-reġistrazzjoni, formazzjoni u twaqqif tal-Assoċjazzjoni skont kif il-Kumitat jiddeċiedi li jkun hemm bżonn.
2. Il-President flimkien mas-Segretarju Ġenerali jkollhom ir-rappreżentanza legali kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-Assoċjazzjoni.

### Art. 6 PRESIDENT

1. Il-President huwa responsabbli għat-tmexxija tal-Assoċjazzjoni skond l-Istatut u kif il-Kumitat jiddeċiedi minn żmien għal żmien.
2. Il-President ikun iċ-Ċerpersin li jmexxi kull laqgħa tal-Kumitat.
3. Il-President jagħmel l-aġenda għall-laqgħat tal-Kumitat wara konsultazzjoni mas-Segretarju.
4. Meta ma jkun hemm ħadd mill-President u jew il-Viċi President u jekk ikun hemm kworum ta' sitt (6) membri, l-Kumitat jista' jaħtar Ċerpersin biex imexxi l-laqgħa.

### Art. 7 VIĊI PRESIDENT

1. Il-Viċi President ikollu l-poter sħiħ fuq il-Kumitat fin-nuqqas tal-preżenza tal-President.
2. Il-Viċi President għandu jassisti lill-President fit-tmexxija tal-Assoċjazzjoni u għandu jwettaq ix-xogħol li jingħata lilu mill-President, skond kif ikun meħtieġ.

### Art. 8 SEGRETARJU

1. Is-Segretarju jagħmel ix-xogħol kollu klerikali u amministrattiv tal-Assoċjazzjoni u tal-Kumitat.
2. Is-Segretarju u l-Assistent tiegħu jkollhom id-dmirijiet li jingħataw lilhom mill-Kumitat skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien.
3. Is-Segretarju huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali Annwali.
4. Is-Segretarju huwa responsabbli miż-żamma tad-dokumenti, il-Minuti tal-laqgħat tal-Kumitat u tal-Laqgħa Ġenerali Annwali u l-korrispondenza kollha tal-Assoċjazzjoni.
5. L-Assistent Segretarju għandu jwettaq ix-xogħol li jingħata lilu mis-Segretarju.

**Art. 9 TEŻORIER**

1. It-Teżorier huwa responsabbli mix-xogħol kollu konness mal-finanzi u ż-żamma tad-dokumenti finanzjarji tal-Assoċjazzjoni.
2. It-Teżorier u l-Assistent tiegħu ikollhom id-dmirijiet li jingħataw lilhom mill-Kumitat skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien.
3. Meta t-Teżorier ilesti ir-Rapport Finanzjarju għandu jsejjaħ lir-Reviżuri.

**Art. 10. UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

4. L-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi u l-Assistent tiegħu huma responsabbli biex jibgħatu lill-Istampa dawk l-stqarrijiet li jkunu approvati mill-Kumitat
5. Jorganizza Konferenzi Stampa u jistieden lill-mezzi ta' l-Istampa biex jattendu.
6. Jagħmel rapport bil-miktub għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet u s-suġġett li jkun tressaq.
7. Jgħaddi d-dokumenti kollha konnessi ma' din il-kariga lis-Segretarju.

**Art. 11 TKEĊĊIJA TA' MEMBRU MILL-KUMITAT**

1. L-Assoċjazzjoni tista' tkeċċi xi Uffiċjal jew Membru tal-Kumitat qabel ma jintemm it-terminu tal-ħatra tiegħu jekk, wara investigazzjoni, jinstab ħati li fixkel l-Assoċjazzjoni minħabba mġieba abbużiva jew irresponsabbli. Dan tagħmlu billi tressaq Mozzjoni u wara tittieħed Riżoluzzjoni waqt Laqgħa tal-Kumitat, jittieħed vot sigriet, u jekk jgħaddi b'maġġoranza sempliċi, il-membru jitkeċċa mill-Assoċjazzjoni.
2. Il-Kumitat jista' jaħtar lir-'Runner up' li ma jkunx elett fl-LĠA jew membru ieħor minfloku fuq bazi ko-optid bl-istess riżoluzzjoni jew b'oħra għal terminu ta' żmien li kien idum fil-kariga il-membru li tkeċċa.
3. Il-kariga ta' xi Uffiċjal jew membru tal-Kumitat tintemm ukoll jekk iressaq ir-riżenja tiegħu bil-miktub.
4. L-Uffiċċjal jew Membru tal-Kumitat li jitkeċċa jew jirreżenja minn jeddu jkollu jrodd dokumenti u kull ħaġ' oħra tal-Assoċjazzjoni u li jwettaq kull debitu jew obbligu ieħor li kellu lejn l-Assoċjazzjoni.
5. Jekk xi membru ma jattendix għall-Laqgħa tal-Kumitat għal tlitt (3) darbiet wara xulxin mingħajr ma jagħti raġuni valida jitqies li irriżenja.

**Art. 12. IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT**

1. Il-Kumitat jista' jiltaqa' għall-ħidma, jaġġorna jew imexxi l-laqgħat kif jidhirlu l-aħjar.
2. *Il-laqgħat isiru tal-anqas darba kull erba' ġimgħat.*
3. Il-kworum biex il-Kumitat imexxi laqgħa ikun ta' sitta (6). Jekk ma jkunx hemm kworum sa nofs siegħa wara l-ħin stabbilit biex tibda' l-laqgħa, din tiġi aġġornata għal jum ieħor. Jekk jerġa' ma jkunx hemm kworum fit-tieni laqgħa sa nofs siegħa wara l-ħin miftiehem, issir il-laqgħa jekk ikun hemm tlitt (3) membri preżenti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu fil-laqgħa b'vot b'maġġoranza sempliċi.
4. *F'każ ta' voti ndaqs il-President juża 'casting vote'.*
5. Fuq talba tal-President jew il-viċi tiegħu, is-Segretarju jsejjaħ, meta jkun hemm il-ħtieġa, Laqgħa tal-Kumitat b'avviż. Dan jingħata lill-membri tal-Kumitat u juri l-jum, il-ħin u l-post tal-laqgħa flimkien mal-Aġenda tal-Laqgħa, sakemm ma jkunx hemm urġenza, sa ħamest ijiem (5) qabel id-data tal-laqgħa.
6. F'każ li dan l-avviż ma jasalx għand xi membru minħabba ċirkostanzi aċċidentali, il-laqgħa ma titħassarx *u ssir ladarba jkun hemm kworum.*
7. Laqgħa tal-Kumitat fejn ikun hemm kworum ikollha l-poteri kollha skont ir-regoli tal-Assoċjazzjoni li jinsabu f'dan l-Istatut.

8. Il-Kumitat jista' jiddelega xi poter tiegħu lil Sotto-Kumitat magħmul minn membri tal-Assoċjazzjoni.
9. Iċ-Ċerpersin ta' dan l-istess Sotto-Kumitat ikun membru tal-Kumitat Eżekuttiv.
10. Is-Sotto-Kumitat juża' l-poteri mogħtija lilu mill-Kumitat Eżekuttiv.
11. Il-Kumitat iżomm il-Minuti ta' dawn il-laqgħat u jiġu iffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju ta' dawn l-istess laqgħat.

**Art. 13 MIŻATI, FONDI U FINANZI**

1. L-Assoċjazzjoni ma tagħmilx qligħ u l-fondi li jkollha terġa' tinvestihom fl-istess Assoċjazzjoni
2. Applikazzjonijiet għal sħubija tintlaqa' flimkien mal-ħlas tal-miżata li titħallas kull sena bil-quddiem.
3. Jekk membru ma jħallasx il-miżata ma jkunx jista' jivvota fil-Laqgħa Ġenerali.
4. Ħadd mill-membri tal-Kumitat ma jingħatalu xi ħlas għax-xogħol fil-Kumitat ħlief għall-ispejjes li jkun ħareġ minn butu.
5. Fondi jistgħu jinġabru minn kontributuri volontarji jew minn attività ta' ġbir ta' fondi.
6. Il-fondi tal-Assoċjazzjoni jiġu iddepositati f'kontijiet ta' bank lokali f'isem l-Assoċjazzjoni hekk kif jiddeċiedi l-Kumitat.
7. Il-President, is-Segretarju u t-Teżorier ikunu l-firmatarji li flimkien iħaddmu dan il-kontijiet. Il-firma ta' tnejn flimkien minn dawn it-tlieta tkun biżżejjed biex jinħareġ ċekk.
8. Id-deċiżjoni dwar kif jintefqu l-flus u l-mod kif jitħallsu l-kontijiet għandu jsir miftuħ għall-kontroll tal-Kumitat kollu.
9. It-Teżorier iżomm il-Kotba tal-Kontijiet flimkien ma' xi dokumenti oħra relatati mall-kontijiet biex jippreżentahom fil-Laqgħa Ġenerali tal-Assoċjazzjoni, jew f'xi żmien ieħor skont kif mitlub mill-Kumitat u li jagħtu rendikont u rapport eżatt tal-finanzi tal-Assoċjazzjoni.
10. Il-kontijiet jiġu iffinalizzati għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena.
11. Sakemm il-Laqgħa Ġenerali Annwali jew il-Kumitat ma jiddeċidux mod ieħor, il-ħlas tas-sħubija jkun ta' Ħames (5) Ewro fis-sena.

**Art. 14 LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**

1. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali hija l-ogħla Awtorità tal-Assoċjazzjoni.
2. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) issir mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu. Jingħata avviż tal-ġurnata u l-ħin tal-LĠA lil kull membru tal-anqas għaxart (10) ijiem qabel dak il-jum tal-Laqgħa.
3. Fil-każ ta' voti ndaqs iċ-Ċerpersin tal-Laqgħa jkollu l-'*casting vote*'.
4. Is-Segretarju jippreżenta r-Rapport Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni fl-LĠA.
5. Il-Kworum tal-LĠA u ta' kull Laqgħa Straordinarja ikun ta' ħamsin fil-mija (50%) u wieħed tal-membri tal-Assoċjazzjoni. F'kas ta' nuqqas ta' kworum, il-Laqgħa issir bl-istess Aġenda wara li jgħaddu tletin (30) minuta mill-ħin avżat. Kull deċiżjoni li tittieħed tkun torbot lill-Assoċjazzjoni kollha kemm hi.
6. It-Teżorier jippreżenta r-Rapport Finanzjarju tal-Assoċjazzjoni fl-LĠA. Għandhom jinħatru mhux aktar minn tlett (3) Reviżuri li jkunu nominati u maħtura minn fost il-membri preżenti għall-Laqgħa Ġeneral Annwali li jkunu regolari fil-ħlas tas-sħubijia u għandhom dritt tal-vot fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
7. LĠA tagħti l-awtorità lir-Reviżuri biex jeżaminaw u jiflu d-dokumenti finanzjari kollha u wara li jikkonfermaw li r-Rapport Finanzjarju huwa korrett, jagħmlu dikjarazzjoni iffirmata.
8. L'ebda membru li kien maħtur fil-Kumitat matul l-aħħar tnax (12) -il xahar ma jista' jkun nominat bħala Reviżur.

9. L-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali Annwali għanda tkun hekk:

I. Ħatra ta' Ċerpersin
II. *Minuti ta' l-aħħar* Laqgħa Annwali Ġenerali.
III. Rapport Amministrattiv
IV. Rapport Finanzjarju
V. Diskors tal-President
VI. Ħatra ta' Reviżuri
VII. Emendi għall-Istatut
VIII. Mozzjonijiet
IX. Elezzjoni tal-Kumitat.

**Art. 14 A. LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA**

1. Laqgħat oħrajn Straordinarji jistgħu jissejħu fuq talba bil-miktub minn tal-anqas 20%, jew tal-anqas ħamsa u għoxrin (25) membru tal-Assoċjazzjoni.
2. Iċ-Ċerpersin tal-LĠS ikun il-President tal-Ass. jew sostitut tiegħu dakinhar.
3. Il-Kworum ta' kull LĠS ikun ta' ħamsin fil-mija (50%) u wieħed tal-membri tal-Assoċjazzjoni. F'kas ta' nuqqas ta' kworum, il-Laqgħa issir bl-istess Aġenda wara li jgħaddu tletin (30) minuta mill-ħin avżat. Kull deċiżjoni li tittieħed tkun torbot lill-Assoċjazzjoni kollha kemm hi.
4. F'kull LĠS jistgħu jattendu u jivvotaw biss dawk li jkollhom it-tessera mħallsa.
5. Jingħata avviż tal-ġurnata u l-ħin tal-LĠS lil kull membru tal-anqas għaxart (10) ijiem qabel dak il-jum tal-Laqgħa.
6. Fil-każ ta' voti ndaqs iċ-Ċerpersin tal-Laqgħa jkollu t-tieni (*casting*) vot.
7. L-Aġenda LĠS: Diskors tal-President, Emendi /Mozzjonijiet u votazzjoni.

**Art. 15 TKEĊĊIJA TA' MEMBRU MILL-ASSOĊJAZZJONI**

1. Kull membru tal-Assoċjazzjoni jkollu jimxi ma' kodiċi tajba u prattiċi ta'etika.
2. Membru jew membri li allegatament ikunu kisru dawn il-kodiċi, b'mod abbużiv jew b'mod irresponsabbli għamlu ħsara lill-Assoċjazzjoni jitressqu quddiem il-Kumitat.
3. Il-Kumitat jista´ jkeċċi membri tal-Assoċjazzjoni, jekk wara investigazzjoni jinstabu ħatja, u dan b'riżoluzzjoni waqt Laqgħa tal-Kumitat wara li jittieħed vot sigriet u jgħaddi b´maġġoranza sempliċi.
4. Jekk il-membr jew membri taħt akkuża ma jidhrux quddiem il-Kumitat mingħajr raġuni valida jitkeċċew mill-Assoċjazzjoni.
5. Il-Membru jew membri li jitkeċċew jew jirriżenjaw minn jeddhom jkollhom iroddu kull ħaġa tal-*Assoċjazzjoni li kienet mgħoddija lilhom skont il-bżonn tal-ħidma tagħhom fl-Assoċjazzjoni u li jwettqu kull* debitu jew obbligu ieħor li kellhom lejn l-Assoċjazzjoni.

**Art. 16 KOMMUNIKAZZJONI MALL-MEMBRI**

1. Kull membru jagħti lis-Segretarju id-dettalji personali tiegħu u informazzjoni oħra ta' kif jista´ jsir *kuntatt miegħu.*
2. L-informazzjoni miġbura tintuża' fit-termini tal-Liġi dwar il-Ħarsien tad-Data (Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Art. 17 XOLJIMENT TAL-ASSOĊJAZZJONI**

1. Fi kwalunkwe żmien, jekk ikun hemm talba għal xoljiment tal-Assoċjazzjoni minn aktar min (75%) tal-membri kolla tal-Assoċjazzjoni li għandhom dritt għall-vot, tissejjaħ Laqgħa Ġenerali għal dan il-għan.
2. Il-Kumitat jara li jitħallas kull dejn u jiddisponi mill-flus jew beni li jibqa'.
3. Il-flus jew beni li jibqa′ jingħataw lil xi waħda jew aktar mill-Assoċjazzjonijiet irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, skont kif jiġi miftiehem fl-istess Laqgħa Ġenerali li fiha jsir ix-xoljiment tal-Assoċjazzjoni.
4. Id-Dokumenti kollha jingħataw lill-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji.

**Art. 18 ĦATRIET ONORARJI FL-ASSOĊJAZZJONI**

1. Fi kwalunkwe żmien, jekk tinħass il-ħtieġa fl-Assoċjazzjoni, il-Kumiitat tal-Assoċjazzjoni jista' jinnomina u jaħtar Presidenti, Segretarji, Teżorieri u Membri Onorarji, u dan bħala ringrazzjament li jkunu taw lill-Assoċjazzjoni.

**Statut Emendat 7 ta' Awwissu 2024 (Żjieda ta' Art.18).**

Anthony Farrugia
PRESIDENT:

Mary Farrugia
SEGRETARJU:

Mark Demarco
TEŻORIER:

DATA: 17 ta' Frar 2025